

TRIBUNAL DE JUSTICIA DE LAS COMUNIDADES EUROPEAS  
SOUDNÍ DVŮR EVROPSKÝCH SPOLEČENSTVÍ  
DE EUROPÆISKE FÆLLESSKABERS DOMSTOL  
GERICHTSHOF DER EUROPÄISCHEN GEMEINSCHAFTEN  
EUROOPA ÜHENDUSTE KOHUS  
ΔΙΚΑΣΤΗΡΙΟ ΤΩΝ ΕΥΡΩΠΑΪΚΩΝ ΚΟΙΝΟΤΗΤΩΝ  
COURT OF JUSTICE OF THE EUROPEAN COMMUNITIES  
COUR DE JUSTICE DES COMMUNAUTÉS EUROPÉENNES  
CÚIRT BHREITHIÚNAIS NA gCÓMHPHOBAL EORPACH  
CORTE DI GIUSTIZIA DELLE COMUNITÀ EUROPEE  
EIROPAS KOPIENU TIESA



EUROPOS BENDRIJŲ TEISINGUMO TEISMAS  
EURÓPAI KÖZÖSSÉGEK BÍRÓSÁGA  
IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ  
HOF VAN JUSTITIE VAN DE EUROPESE GEMEENSCHAPPE  
TRYBUNAŁ SPRAWIEDLIWOŚCI WSPÓLNOT EUROPEJSK  
TRIBUNAL DE JUSTIÇA DAS COMUNIDADES EUROPEIAS  
SÚDNY DVOR EURÓPSKÝCH SPOLOČENSTIEV  
SODIŠČE EVROPSKIH SKUPNOSTI  
EUROOPAN YHTEISÖJEN TUOMIOISTUIN  
EUROPEISKA GEMENSKAPERNAS DOMSTOL

Diviżjoni ta' l-Istampa u ta' l-Infommazzjoni

## KOMUNIKAT TA' L-ISTAMPA Nru. 37/04

11 ta' Mejju 2004

\*\*\*

### GĦAXAR MEMBRI ĠODDA FIL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

*Udjenza solenni tal-11 ta' Mejju 2004*

Fil-1 ta' Mejju 2004, il-Konferenza tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati membri adottat deċiżjoni dwar il-ħatra ta' l-imħallfin ta' l-Istati membri ġodda ta' l-Unjoni Ewropea fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej.

Ir-Rappreżentati tal-Gvernijiet ta' l-Istati membri innominaw bħala mħallfin ġodda fil-Qorti tal-Ġustizzja lil:

- Jiři MALENOVSKÝ, ta' nazzjonalità Ċeka
- Uno LŐHMUS, ta' nazzjonalità Ċiprijotta
- Georges ARESTIS, ta' nazzjonalità Latvjana
- Pranas KŪRIS, ta' nazzjonalità Litwana
- Anthony BORG BARTHET, ta' nazzjonalità Maltija

għall-perijodu mill-1 ta' Mejju 2004 sas-6 ta' Ottubru 2006, kif ukoll lil:

- Egils LEVITS, ta' nazzjonalità Estonjana
- Endre JUHÁSZ, ta' nazzjonalità Ungeriża
- Jerzy MAKARCZYK, ta' nazzjonalità Pollakka
- Marko ILEŠIČ, ta' nazzjonalità Slovena
- Ján KLUČKA, ta' nazzjonalità Slovakka

għall-perijodu mill-1 ta' Mejju 2004 sas-6 ta' Ottubru 2009.

Illum, il-11 ta' Mejju 2004 fl-4.30 p.m., inżammet udjenja solenni fil-*Grande Salle d'Audience* tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej sabiex l-għaxar membri l-ġodda jieħdu l-ġurament u jidħlu fil-kariga tagħhom.

## **Curricula vitae ta' l-imħallfin ġodda tal-Qorti tal-Ġustizzja**

### **Jerzu Makarczyk**

Imwield fl-1938; duttur tal-liġi (1966), professur tad-dritt internazzjonali pubbliku (1974), *Senior Visiting Fellow* ma' l-Università ta' Oxford (1985), professur ma' l-Università Kristjana Internazzjonali ta' Tokyo (1988); awtur ta' numru ta' publikazzjonijiet dwar id-dritt internazzjonali pubbliku, id-dritt komunitarju u d-drittijiet tal-bniedem; membru ta' diversi soċjetajiet ta' nies esperti fil-qasam tad-dritt internazzjonali, dritt ewropew u d-drittijiet tal-bniedem; negozjatur tal-Gvern Pollakk għall-irtirar tat-truppi Pollakki mit-territorju tar-Repubblika tal-Polonja; sottosegretarju ta' l-Istat, imbagħad segretarju ta' l-Istat għall-Affarijiet Barranin (1989-1992); president tad-delegazzjoni Pollakka għall-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti; Imħallef fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (1992-2002); president ta' l-Istitut tad-Dritt Internazzjonali (2003); konsulent tal-President tar-Repubblika tal-Polonja għall-politika barranija u d-drittijiet tal-bniedem (2002-2004); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.

### **Pranas Kūris**

Imwield fl-1938; iggradwa fid-dritt mill-Università ta' Vilnius (1961); dottorat fi x-xjenzi legali mill-Università ta' Moska; awtorizzat sabiex jgħallem il-liġi (Dr. hab), Università ta' Moska (1973); assistent riċerkatur ma' l-*Institut des Hautes Études Internationales* (Direttur: Prof. C. Rousseau); Università ta' Pariġi (1967-1968); membru ta' l-Akkademja tax-Xjenzi tal-Litwanja (1996); duttur *honoris causa* ta' l-Università tad-dritt tal-Litwanja (2001); varji inkarigi ta' tagħlim u inkarigi amministrattivi ma' l-Università ta' Vilnius (1961-1990); *lecturer*, assistent professur u professur tad-Dritt Pubbliku Internazzjonali u dekan tal-Fakultà tal-Liġi; numru ta' inkarigi governattivi mas-servizz diplomatiku u mal-Ministeru tal-Ġustizzja tal-Litwanja; Ministru tal-Ġustizzja (1990-1991), Membru tal-Kunsill ta' l-Istat (1991), ambaxxatur tar-Repubblika tal-Litwanja għall-Belġju, il-Lussemburgu u l-Olanda (1992-1994); Imħallef fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (minn Ġunju 1994); Imħallef fil-Qorti Suprema tal-Litwanja u, sussegwentement, il-President ta' l-istess Qorti (Diċembru 1994 – Ottubru 1998); ipparteċipa f'numru ta' konferenzi internazzjonali; membru tad-delegazzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja għan-negozjati ma' l-Unjoni Sovjetika (1990-1992); awtur ta' diversi publikazzjonijiet (madwar 200); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.

### **Endre Juhász**

Imwield fl-1944; iggradwa fid-dritt mill-Università ta' Szeged, Ungerija (1967); Eżamijiet għall-ammissjoni fl-Avukatura Ungeriża (1970); studji *post-graduate* fid-Dritt Komparattiv, Università ta' Strasbourg, Franza (1969, 1970, 1971, 1972); Uffiċjal fid-Dipartiment tal-Liġi tal-Ministeru tal-Kummerċ Esteru (1966-1974), Direttur għal affarijiet leġislattivi (1973-1974); *First Commercial Secretary* fl-Ambaxxata Ungeriża, Brussell, responsabbli għal affarijiet komunitarji (1974-1979); Direttur fil-Ministeru tal-Kummerċ Esteru (1979-1983); *First Commercial Secretary*, imbagħad Konsulent kummerċjali għall-Ambaxxata Ungeriża f'Washington DC, USA (1983-1989); Direttur Ġenerali mal-Ministeru tal-Kummerċ u tal-Ministeru tar-Relazzjonijiet Ekonomiċi Internazzjonali (1989-1991); negozjatur prinċipali fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Ungerija u l-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom (1990-1991); segretarju ġenerali mal-Ministeru tar-Relazzjonijiet Ekonomiċi Internazzjonali, kap ta' l-Uffiċju għall-Affarijiet Ewropej (1992); Segretarju ta' l-Istat

mal-Ministeru tar-Relazzjonijiet Ekonomiċi Internazzjonali (1993-1994); Segretarju ta' l-Istat, president ta' l-Uffiċju għall-Affarjiet Ewropej, Ministeru ta' l-Industrija u l-Kummerċ (1994); Ambaxxatur Straordinarju u Plenipotenżjarju, kap tal-missjoni diplomatika tar-Repubblika Ungeriża għall-Unjoni Ewropea (Jannar 1995 – Mejju 2003); negozjatur prinċipali għall-adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Ungerija ma' l-Unjoni Ewropea (Lulju 1998 – April 2003); Ministru bla portafoll għall koordinazzjoni ta' affarjiet dwar l-intergrazzjoni Ewropea (minn Mejju 2003); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.

### **George Arestis**

Imwieled fl-1945; iggradwa fil-Liġi mill-Università ta' Ateni (1968); M.A. fil-Politika Kumparattiva u Gvern, Università ta' Kent f'Canterbury (1970); ipprattika bħala Avukat f'Ċipru (1972-1982); Maħtur Imħallef ta' Qorti Distrettwali (1982); promoss għall-kariga ta' President ta' Qorti Distrettwali (1995); President Amministrattiv tal-Qorti Distrettwali ta' Nikożija (1997-2003); Imħallef tal-Qorti Suprema ta' Ċipru (2003); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.

### **Anthony Borg Barthet U.O.M.**

Imwieled fl-1947; duttur tal-liġi mir-Royal University of Malta fl-1973; daħal fis-Servizz taċ-Ċivil Malti bħala Nutar tal-Gvern fl-1975; Avukat tar-Repubblika fl-1978, Avukat anzjan tar-Repubblika fl-1979, Deputat Avukat Ġenerali fl-1988 u maħtur Avukat Ġenerali mill-President ta' Malta fl-1989; Lecturer part-time tad-dritt ċivili fl-Università ta' Malta; Membru tal-Kunsill ta' l-Università ta' Malta (1998-2004); Membru tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja (1998-2004); Membru tal-Bord tad-Diretturi taċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ (1998-2004); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.

### **Marko Ilešič**

Imwieled fl-1947; duttur tal-liġi (Università ta' Ljubljana); speċjalizzat fid-dritt kumparat (Universitajiet ta' Strasbourg u ta' Coimbra); Membru ta' l-Avukatura; Imħallef tal-Qorti tax-Xogħol, Ljubljana (1975-1986); President tat-Tribunal ta' l-Isports (1978-1986); Arbitru fil-Qorti ta' l-Arbitraġġ tal-kumpannija ta' l-Assigurazzjoni Triglav; Chairman tas-Sezzjoni ta' l-Appell tal-Borża (mill-1995); Arbitru tal-qorti ta' l-arbitraġġ tal-Borża (mill-1998); Arbitru tal-Kamra tal-Kummerċ Internazzjonali f'Pariġi; Imħallef fil-bord ta' l-appelli tal-UEFA (mill-1988) u tal-FIFA (mill-2000); President ta' l-Unjoni ta' l-Assoċjazzjonijiet ta' Avukati Sloveni; membru ta' l-assoċjazzjoni tad-dritt internazzjonali, tal-Kumitat Marittimu Internazzjonali u ta' diversi soċjetajiet legali internazzjonali oħra; professur tad-dritt ċivili, tad-dritt kummerċjali u tad-dritt internazzjonali privat; dekan tal-Fakultà tal-Liġi ta' l-Università ta' Ljubljana; awtur ta' diversi publikazzjonijiet legali; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.

### **Jiří Malenoký**

Imwieled fl-1950; duttur tal-liġi miċ-Charles University ta' Praga (1975); membru aktar anzjan tal-Fakultà (1974 – 1990), Viċi-dekan (1989 – 1991) u Kap tad-Dipartiment tad-dritt internazzjonali u tad-dritt ewropew (1990 – 1992) fl-Università ta' Masaryk f'Brno; Imħallef fil-Qorti Kostituzzjonali taċ-Ċecoslovakkja (1992); *envoy* għall-Kunsill ta' l-Ewropa (1995); Direttur anzjan fil-Ministeru ta' l-Affarjiet Barranin (1998 – 2000); President tas-sezzjoni Ċeka u Slovakka ta' l-Assoċjazzjoni tad-dritt internazzjonali (1999 – 2001); Imħallef tal-qorti kostituzzjonali (2000 –

2004); membru tal-Kunsill legiſlattiv (1998 – 2000); membru tal-Qorti Permanenti ta' l-Arbitraġġ f' The Hague (mill-2000); professur tad-dritt internazzjonali pubbliku fl-Università ta' Masaryk Brno (2001); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.

### **Ján Klučka**

Imwieled fl-1951; duttur tal-liġi mill-Università ta' Bratislava (1974); professur tad-dritt internazzjonali fl-Università ta' Kosoice (mill-1975); Imħallef tal-qorti kostituzzjonali (1993); membru tal-Qorti Permanenti ta' l-Arbitraġġ f' The Hague (1994); membru tal-Venice Commission for Democracy through law (1994); Chairman ta' l-Assoċjazzjoni Slovakka tad-dritt internazzjonali (2002); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.

### **Uno Lõhmus**

Imwieled fl-1952; duttur tal-liġi fl-1986; membru ta' l-Avukatura (1977 – 1998); *visiting professor* tad-dritt kriminali ta' l-Università ta' Tartu; Imħallef tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (1994 – 1998); Prim Imħallef tal-Qorti Suprema ta' l-Estonja (1998 – 2004); membru tal-Kumitat għal opinjoni esperta dwar il-Kostituzzjoni; Konsulent għall-grupp ta' xogħol li jfassal il-kodiċi kriminali; membru tal-grupp ta' xogħol li jfassal il-kodiċi ta' proċedura ċivili; awtur ta' diversi xogħolijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt kostituzzjonali; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.

### **Egils Levits**

Imwieled fl-1955; iggradwa fid-dritt u fix-xjenzi politiċi mill-Università ta' Hamburg; assistant riċerkatur fil-Fakultà tal-Liġi, Università ta' Kiel; Konsulent għall-parlament tal-Latvja dwar kwistjonijiet ta' dritt internazzjonali, dritt kostituzzjonali u riforma legiſlattiva; Ambaxxatur Latvjan għall-Ġermanja u Switserland (1992-1993), l-Awstrija u l-Ungerija (1994 – 1995); Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja, Viċi tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin (1993 – 1994); konċiljatur fil-*Court of Conciliation and Arbitration* fi ħdan l-OSCE (mill-1997); membru tal-Qorti Permanenti ta' l-Arbitraġġ (mill-2001); diversi pubblikazzjonijiet fl-oqsma tad-dritt kostituzzjonali u tad-dritt amministrattiv, riforma legali u dritt tal-Komunità Ewropea; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tax-xandir, il-Qorti m'għandhiex  
responsabbiltà għall-kontenut*

*Lingwi disponibbli: kollha*

*Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja lil Christopher Fretwell  
Tel: (00352) 4303 3355 Fax: 4303 2731*

*Filmati ta' l-udjenza solenni huma disponibbli fuq EBS "Europe by Satellite"  
servizz mogħti mill-Kummissjoni Ewropea,  
Direzzjoni Ġenerali ta' l-Istampa u Komunikazzjoni,  
L-2920 il-Lussemburgu, Tel. (00352) 4301 35177, Fax: (00352) 4301 35249  
jew B-1049 Brussell, Tel: (0032) 2 29 64106, Fax: 2 29 65956*